**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 79**
**It-Tnejn, 23 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**PERSUNI LI JIEĦDU SUSSIDJU TAL-KERA**

**4219. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jieħdu s-sussidju tal-kera fil-preżent?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-persuni li jieħdu s-sussidju tal-kera fil-preżent huwa s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Skema tal-Benefiċċju tal-Kera | 3,283 |

Seduta 79
23/01/2023

**PERSUNI LI JGĦIXU F'POSTIJIET TA' REQUISITION**

**4220. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm fadal persuni jgħixu f'postijiet tar-Requisition?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li 150 residenza għadhom milquta b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni.

Seduta 79
23/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-EXCHANGE**

**4221. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx applikazzjonijiet li jridu jagħmlu exchange? Jekk iva, kemm-il talba hemm? Dawn l-exchanges huma parti mil-lista ta' stennija, kif kien isir qabel l-2013?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-lum il-ġurnata hemm 487 li qegħdin joqogħdu f'akkomodazzjoni soċjali tal-Gvern u jixtiequ jbiddlu l-proprjetà li bħalissa jinsabu fiha.

Seduta 79
23/01/2023

**KAŻIJIET TA' ŻGUMBRAMENT**

**4222. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' żgumbrament quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera? Jista' jgħid kemm intlaqgħu talbiet minn dawn il-każijiet u ġie ordnat l-iżgumbrament tal-inkwilin minn wara l-elezzjoni ġenerali tal-2022 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant illi l-Bord li Jirregola l-Kera huwa parti mill-Qrati tal-Ġustizzja. Minn Ġunju 2021 sa issa* 12-il inkwilin li jgħixu f'kirja protetta u kellhom kawża ta' żgumbrament quddiem il-Bord imsemmi talbu li jiġu assistiti minn avukat imqabbad mill-Awtorità tad-Djar.
*23 ta' Jannar 2023

Seduta 79
23/01/2023

**UŻU TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**4223. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il dar battala għandna f'pajjiżna u kemm minnhom qegħdin għall-użu tal-akkomodazzjoni soċjali?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 79
23/01/2023

**IR-RABAT GĦAWDEX – TAĊ-ĊAWLA – PROĠETT TA' BINI TA' HOUSING**

**4224. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar il-proġett ta' bini għal skop ta' housing ġewwa Taċ-Ċawla r-Rabat, Għawdex li kien issemma fl-2019 u jekk dawn jaqgħux taħt l-Awtorità tad-Djar jew jekk hux taħt il-Ministeru f'Għawdex?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant illi l-Awtorità tad-Djar tikseb ir-residenzi meħtieġa sabiex tkun tista' taqdi t-talbiet għal akkomodazzjoni soċjali minn diversi sorsi. Preżentement id-domanda qed tiġi akkomodata mingħajr il-ħtieġa li jinbnew residenzi ġodda permezz ta' inizjattivi bħal kiri ta' residenzi ġodda, għajnuna finanzjarja għal restawr ta' djar battala u azzjoni ta' infurzar f'residenzi mikrija.

Seduta 79
23/01/2023

**QRATI – MAGISTERIAL INQUIRIES DWAR INĊIDENTI FUQ IL-POSTIJIET TA' KOSTRUZZJONI**

**4698. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3954, jista' l-Ministru jgħid x'qed iwassal għal dan id-dewmien? Jista' jagħti data meta dawn ser jingħalqu biex b'hekk issir ġustizzja? Jista' l-Ministru jagħti lista ta' min huma dawn il-każijiet pendenti? Jista' l-Ministru jgħid minn liema nazzjonalità kienu l-vittmi ta' dawn l-inċidenti?

01/12/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li ai termini tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali, 'l-atti u d-dokumenti tal-Qorti ta' Ġustizzja Kriminal ma jistgħu jintwerew lil ħadd', mgħadud ma dan, l-inkjesta maġisterjali hija minnha nnifisha investigazzjoni u għaldaqstant, l-kontenut tagħha jkun disponibbili biss għall-Maġistrat Inkwirenti u l-Avukat Ġenerali. Għall-dawn ir-raġunijiet, l-informazzjoni rikjesta' ma tistax tiġi prodotta.

Seduta 79
23/01/2023

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**4699. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3956, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni rrapportati u jekk kienx hemm imwiet?

01/12/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 79
23/01/2023

**KEMMUNA – ENCROACHMENTS - INFURZAR**

**4700. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4043, fejn il-Ministru qal li "l-operant jopera fiż-żona konċessa matul il-ħinijiet stabbiliti", jista' l-Ministru jindika fuq site plan liema hija din iż-żona konċessa?

01/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4264.

Seduta 79
23/01/2023

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS**

**4701. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4046, fejn il-Ministru qal li "saret estensjoni temporanja (2022) tal-kuntratti preċedenti", jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-"kuntratti preċedenti"?

01/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali u għaldaqstant ma tistax tingħata.

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – GĦAJNUNA LIL CLUBS TAL-WATERPOLO**

**4702. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl tal-ħsarat kbar li ġarrbu diversi għaqdiet sportivi tal-waterpolo, fosthom dawk ġewwa ta' Tas-Sliema, Exiles u San Ġiljan, minħabba l-maltemp kbir li kellna dan l-aħħar, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi ħsieb li l-Ministeru jgħin b'mod finanzarju jew modi oħra lil dawn il-clubs biex jagħmel tajjeb għal ħsarat li ġarrbu?

01/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Sport Malta tgħin lill-klabbs kollha, nkluż dawk imsemmija, matul is-sena kollha mhux meta jkun maltemp biss.

Seduta 79
23/01/2023

**INDIVIDWI/DITTI LI JIPPROVDU SERVIZZI PROFESSJONALI LILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR U LILL-MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR**

**4813. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-individwi u/jew ditti li jipprovdu servizzi professjonali lill-Awtorità tal-Ippjanar u/jew il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra s-segwenti dokumenti:
- termini ta' riferiment għal proviżjoni ta' servizzi reżi;
- ftehim u/jew kuntratti; u
- invoices u riċevuti in konnessjoni mas-servizzi reżi?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jispeċifika d-domanda tiegħu.

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – DIRECT ORDER**

**4868. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra fid-dettall rigward id-Direct Order: *'NEGOTIATED PROCEDURE FOR EMERGENCY CIVIL WORKS AT GCOL RENTED PREMISES SITUATED AT TA' MIEMA, SHORE STREET, MĠARR, GOZO'* (CfT CA Unique ID: GCOL NP-01) li ħarġet fis-7 ta' Jannar 2022 mill-Ministeru għal Għawdex? Jista' l-Ministru jikkonferma li din id-direct order għal xogħol ta' emerġenza, ħarġet għaliex is-sit mikri għandu problemi ta' stabilità li qed iżommlu x-xogħol ta' finitura tiegħu? Jista jgħid kemm se jiswew globalment dawn ix-xogħlijiet rimedjali u li ħa jħallas għalihom il-Ministeru għal Għawdex?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li d-direct order *'Negotiated Procedure for Emergency works at GCOL rented premises situated at Ta' Miema, Shore street, Mgarr, Gozo'* inħarġet biex isir xogħol fis-sit li nkera biex jintuża bħala uffiċċju prinċipali tal-Gozo Channel. Il-valur ta' dan ix-xogħol huwa ta' €149,886.70 (VAT eskluż ), liema spejjeż se jitħallsu mill-kumpanija Gozo Channel u li tali spejjeż se jiġu ikkumpensati b'estenzjoni fil-kirja kif spjegat fil- mistoqsija parlamentari 2168.

Seduta 79
23/01/2023

**MASTER PLAN TAR-RAMLA**

**4869. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-Master Plan tar-Ramla u jgħid ukoll meta nbeda dan il-Master Plan tar-Ramla (sena u xahar) u meta hu ppjanat li jiġi konkluż dan il-Master Plan? Jista' jgħid fil-konkret x'sar matul is-sena 2022 rigward dan il-Master Plan u kemm intefqu flus matul din is-sena fuq dan il-Master Plan u għal xiex intefqu?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma Lil Onorevoli Interpellant l-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanjar PA 02977/22 qegħda tistenna ir-rakkomandazzjonit tal-Awtorita tal-Ippjanjar. In-nefqa għas-sena 2022 kienet ta' Euro 2,450.

Seduta 79
23/01/2023

**SERVIZZ PUBBLIKU – ĦADDIEMA GĦAWDXIN LI JAĦDMU MALTA**

**4899. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3811 u jgħid kemm kien hemm u preżentement kemm hemm jaħdmu, ħaddiema Għawdxin ġewwa Malta f'dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi sena b'sena, mis-sena 2021 sal-lum? Jista' jgħid preżentement dawn il-ħaddiema ma' liema entità qed jaħdmu u xi grad huma?

14/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 79
23/01/2023

**GĦAWDEX – BERĠA TAN-NADUR**

**4912. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il berġa tas-saħħa f'Għawdex hemm li qed jinfetħu għall-pubbliku u f'liema ħinijiet qed ikunu miftuħin għall-pubbliku? Jista' jgħid ukoll dawk il-bereġ li kienu jiffunzjonaw sa ftit żmien ilu u li issa ngħalqu, hux se jibqgħu jiffunzjonaw u jerġgħu jinfetħu? Jista' jgħid f'liema lokalitajiet kienu dawn il-bereġ li issa jinsabu magħluqin? Fil-każ tal-Berġa tan-Nadur li kienet fil-Pjazza San Pietru u San Pawl, jista' jgħid jekk il-binja ta' din il-berġa ngħatatx lura lis-sidien tagħha peress li din kienet fil-kera u jekk iva, fejn hu maħsub li ssir il-Berġa/Klinika fin-Nadur?

19/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi l-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija Parlamentari 3628, fejn ġie spjegat li l-irwol il-ġdid tal-Kliniċi tal-Komunità.

Seduta 79
23/01/2023

**GĦAWDEX – GĦASES TAL-PULIZIJA**

**4913. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fejn hemm għases tal-Pulizija fil-lokalitajiet f'Għawdex u kemm minn dawn qegħdin ikunu miftuħin għall-pubbliku u kemm le? Fil-każ tal-għassa tal-Pulizija tan-Nadur li kienet tinsab fi Pjazza San Pietru u San Pawl, jista' l-Ministru jgħid jekk din hux se terġa' tinfetaħ għall-pubbliku u jekk le, għaliex? Jista' jgħid jekk il-Korp għaddiex lura l-binja ta' din l-għassa lis-sidien, peress li din kienet fil-kera u jekk iva, fejn hu l-ħsieb li ssir l-għassa ġdida fin-Nadur?

19/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li r-risposta għall-din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 79
23/01/2023

**AIR MALTA – ĦLAS GĦAS-SERVIZZI ĠODDA TA’ GROUND HANDLING**

**4973. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'qed tħallas l-Air Malta għal servizzi ġodda ta' ground handling Aviation Services Handling Services Limited?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi għas-servizz il-ġdid ta’ *ground handling* li qed jiġi provvdut minn *Aviation Services Handling Services Limited* fl-ajruport ta’ Malta, l-Air Malta qiegħda tħallas il-prezz tas-suq li huwa komparabbli ma dak li l-Air Malta tħallas f’ajruporti oħra fl-Ewropa, u huwa inqas minn dak li l-Air Malta kienet qiegħda tħallas meta is-servizz tal-ground handling kien qiegħed jingħata *in-house*.

Seduta 79
23/01/2023

**AIR MALTA – IMPJEGATI JEW MANIĠER LI HUMA AZZJONISTI FIL-KUMPANIJA ĠDIDA TAL-GROUND HANDLING TAL-AIRMALTA**

**4974. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol:
Jista' l-Ministru jgħid jekk xi impjegat jew maniġer tal-Air Malta huwiex azzjonist tal-kumpanija l-ġdida tal-ground handling fl-Air Malta "Aviation Services Handling Services Limited"?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoil Interpellant illi ma hemm l-ebda impjegat jew maniġer tal-Air Malta li huwa azzjonist tal-kumpanija l-ġdida tal-ground handling *Aviation Services Handling Services Limited*.

Seduta 79
23/01/2023

**AIR MALTA – SHAREHOLDERS LI HUMA IMPJEGATI MAL-KUMPANIJA**

**4975. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx shareholders li huma impjegati mal-Air Malta fi ħdan il-kumpanija Aviation Services Handling Services Limited li tipprovdi ground handling lill-Air Malta li qed jibbenefikaw finanzjarjament minn profitti li tagħmel din il-kumpanija?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellan illi ma hemm l-ebda shareholders li huma impjegati mal-Air Malta fi ħdan il-kumpanija *Aviation Services Handling Services Limited,* li tipprovdi ground handling lill-Air Malta, u li qed jibbenefikaw finanzjarjament minn profitti li tagħmel din il-kumpanija

Seduta 79
23/01/2023

**AIR MALTA AVIATION SERVICES**

**4976. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew investiti flus fil-kumpanija Air Malta Aviation Services mwaqqfa minn ex Ministruli d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament? Jista' jagħti rendikont dettaljat fejn dawn il-fondi kienu użati u għal xiex?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi f’din il-kumpanija ġew investiti 5.02 miljun.

Seduta 79
23/01/2023

**AIR MALTA AVIATION SERVICES – INVESTIGAZZJONI GĦAL UŻU TA' FONDI**

**4977. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma li qed issir investigazzjoni b'rabta mal-użu ta' fondi użati għall-kumpanija Air Malta Aviation Services? Jista' jgħid jekk ingħatax lill-Kummissarju tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ma kien hemm l-ebda investigazzjoni b'rabta mal-uzu ta' fondi uzati għall-kumpanija Airmalta Aviation Services.

Seduta 79
23/01/2023

**ĦADDIEMA TA' PLATFORM**

**4978. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema impjegati bħala ħaddiema tal-platform f'Malta u Għawdex? Kemm minn dawn il-ħaddiema huma ta' nazzjonalità Maltija? Kemm huma ċittadini ta' pajjiżi terzi? Kemm huma ċittadini tal-Unjoni Ewropea?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li Jobsplus ma jkollhiex informazzjoni ta' kemm hawn ħaddiema li joffru servizz/xogħol fuq pjattaforma diġitali (platform) f'Malta u Għawdex.

Seduta 79
23/01/2023

**FORZI ARMATI TA' MALTA - INFORMAZZJONI**

**5084. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-Forzi Armati ta' Malta (AFM), jista' l-Ministru jgħid:
a. kemm kien hemm patrol boats jew bastimenti simili li attwalment qed jiġu użati mill-maritime squadron tal-AFM u f'kull każ kemm ilhom fis-servizz;
b. jekk l-AFM għandhiex armoured vehicles – jekk iva kemm hemm u jistax jagħti deskrizzjoni ta' kull vettura;
ċ. kemm hemm nisa li huma suldati fi ħdan l-AFM u dan skont ir-rank tagħhom; u
d. kemm attwalment hemm avukati impjegati mal-AFM u f'kull każ x'inhu r-rank tagħhom?

09/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi:

a. L-Iskwadra Marittima topera b'numru ta' laneċ li huma ta' l-istess klassi, jew klassi simili. Fost dawn insibu:

§ Melita I u Melita II (Supervittora 800 Class Search & Rescue Launches) – li żdiedu mal-flotta fl-1998, u fl-2011 saritilhom mid-life upgrade;
§ P51 u P52 (Protector Class) – li żdiedu mal-flotta fl-2002 u fl-2004 rispettivament;
§ P21, P22, P23 u P24 (Austal Class) – li żdiedu mal-flotta fl-2010;
§ P02, P03 u P04 (Boomeranger) – li bdew joperaw fl-2012;
§ P05 u P06 (Defender Class) – li bdew joperaw fl-2014;
§ P61 – li waslet ġewwa Malta fl-2005 u fil-2016 saritilha upgrade;
§ P71 – li waslet ġewwa Malta fil-2022 u bħalissa għaddejjin it-tħejjijiet biex tibda topera fil-futur qarib.

b. Il-Forzi Armati ta' Malta (FAM) m'għandhiex armoured vehicles fi ħdanha;

c. Fi ħdan il-FAM hemm mija wieħed u għoxrin (121) mara kif jidhru hawn taħt;

| **Rank** | **Numru ta' Nisa** | **Corp** |
|---|---|---|
| Lt Col | 1 | Officer |
| Maj | 2 | Officer |
| Capt | 2 | Officer |
| Lieut | 9 | Officer |
| 2Lt | 1 | Officer |
| WO1 | 1 | Other Rank |
| WO2 | 1 | Other Rank |
| SSgt | 4 | Other Rank |
| Sgt | 2 | Other Rank |
| Bdr | 22 | Other Rank |
| LBdr | 20 | Other Rank |
| Gnr | 48 | Other Rank |
| WO2 | 3 | VRF/FS |
| SSGT | 1 | VRF/FS |
| BDR | 2 | VRF/FS |
| LBdr | 1 | VRF |
| Gnr | 1 | VRF |

d. Il-FAM għandha żewġ (2) avukati mpjegati magħha fir-rank li jidher hawn taħt;

| **Rank** | **Numru t'Avukati** | **Corp** |
|---|---|---|
| Lt Col | 1 | **O**fficer |
| Capt | 1 | **O**fficer |

Seduta 79
23/01/2023

**QORTI – RIKORSI ĠURAMENTATI TA' SEPARAZZJONI**

**5178. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati rikorsi ġuramentati ta' separazzjoni fil-Qrati ta' pajjiżna tul is-sena li għaddiet? Jista' jgħid kemm minnhom għadhom pendenti u kemm ġew deċiżi?

12/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena li għaddiet fil-Qrati ta' Malta ġew ippreżentati 106 kawżi ta' separazzjoni li minnhom 99 għadhom pendenti u 7 ġew deċiżi. Filwaqt li fil-Qrati ta' Għawdex ġew ippreżentati 39 kawża ta' separazzjoni li 25 minnhom għadhom pendenti u 14 ġew deċiżi.

Apparti dawn, ġew ippreżentati 327 kawża bonarja f'Malta, li minnhom 309 ġew itterminati u 18 għadom pendenti, filwaqt li f'Għawdex ġew ippreżentati 15 -il kawża bonarja, li minnhom 8 ġew itterminati u 7 għadom pendenti.

Seduta 79
23/01/2023

**IL-MELLIEĦA, L-IMĠARR, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – RAPPORTI TA' KAŻIJIET TA' ĠLIED F'POSTIJIET PUBBLIĊI**

**5197. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti dwar każijiet ta' ġlied f'postijiet pubbliċi li fihom intervjeniet il-Pulizija matul l-aħħar 12-il xahar fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar separatament għal kull lokalità?

13/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sistema elettronika tal-Pulzija informazzjoni relatata ma ġlied tidħol taħt kategoriji ta' 'Ksur ta' l-Ordni u Paċi Pubblika - Argument', li barra ġlied tinkludi wkoll argumenti verbali u/jew fiżiċi. Meta dawn il-każi jinvolvu xi ferimenti, dawn jidħlu taħt il-kategorija ta' 'Offiżi fuq il-persuna'. Fis-sistema l-figuri jirreferu għal kull rapport li setgħa seħħ f'kull post, inkluż fid-djar privati, u mhux f'postijiet pubbliċi biss. It-tabella hawn taħt tiġbor dawn id-dettalji:

| Kazijiet ta' Offiżi fuq il-persuna rrapurtati fil-lokalitajiet tal-Mellieħa, Mġarr, Naxxar u San Pawl il-Baħar – Sena 2022 | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija tar-reat | Sotto-Kategorija | Mellieħa | Mġarr | Naxxar | San Pawl il-Baħar | Total |
| Offiżi fuq il-persuna' | Feriti gravi bil-forza fiżika | 0 | 0 | 1 | 10 | 11 |
| | Feriti gravi b'armi rregolari | 2 | 0 | 0 | 3 | 5 |
| | Feriti gravi b'armi regolari | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Feriti ħfief bil-forza fiżika | 5 | 3 | 10 | 52 | 70 |
| | Feriti ħfief b'armi rregolari | 1 | 1 | 1 | 8 | 11 |
| | Feriti ħfief b'armi regolari | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |
| **Total** | | 9 | 4 | 12 | 74 | 99 |
| | | | | | | |
| Ksur ta'Paċi u Ordni Pubblika - Argument fil-Mellieħa, Mġarr, Naxxar u San Pawl il- Baħar - sena 2022 | | | | | | |
| Klassi tal-Inċident | Sotto Klassi | Mellieħa | Mġarr | Naxxar | San Pawl il-Baħar | Total |
| Ksur ta' Paċi Pubblika | Argument | 2 | 0 | 7 | 19 | 28 |
| **Total** | | 2 | 0 | 7 | 19 | 28 |
| | | | | | | |

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKJA U L-INNOVAZZJONI - REMOTE WORKING**

**5211. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

13/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - TELEWORKING**

**5212. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

13/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mgħotija għall-mistoqsija parlamentari 5211.

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - REMOTE WORKING**

**5213. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

13/01/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onorevoli nterpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-*remote working* jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 79
23/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - TELEWORKING**

**5214. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

13/01/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onorevoli nterpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għat-*teleworking* jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 79
23/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 1 - LAQGĦAT PUBBLIĊI**

**5215. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025,* fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 1) kien li ser jinżammu laqgħat pubbliċi ta' konsultazzjoni, jista' l-Ministru jgħid kemm saru minn dawn il-laqgħat pubbliċi u jekk iva, meta, fejn u ma' min kienu?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3962.

Seduta 79
23/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 1 - FEEDBACK MILL-PUBBLIKU**

**5216. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 1) kien li ser jisma' u jieħu feedback mill-pubbliku dwar is-servizz tal-Pulizija, jista' l-Ministru jgħid kif ħa feedback mingħand il-pubbliku u jekk implimentax xi forma ta' pjattaforma fejn il-pubbliku jista' jibghat dan il-feedback?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3963.

Seduta 79
23/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 1 - QUALITY SERVICE CHARTER DOCUMENT**

**5217. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 1) kien li ser jibda proċess biex isir Quality Service Charter Document bil-għan li s-servizz tal-Pulizija ikun iktar immirat biex jaqdi ċ-ċittadin, jista' l-Ministru jgħid jekk dan id-dokument tlestiex u jekk iva, iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3964

Seduta 79

23/01/2023

**KORP TAL-PULIZJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 2 - PERFORMANCE TARGETS**

**5218. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 2) kien li ser jibdew isiru performance goals fuq kull sezzjoni tal-Pulizija u li l-għan ta' dawn it-targets huwa li l-pulizija jkunu iktar responsabbli u accountable, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-performance goals sarux fid-diversi sezzjonijiet tal-pulizija? Dawn kif jinħadmu? Hemm xi dokument li jispjega dan? U jekk hemm dokument, jista' jqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3965.

Seduta 79
23/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 2 - PERFORMANCE**

**5219. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 2) kien li ser jibda jippubblika numru ta' rapporti u statistiċi fuq il-performance tal-pulizija f'Malta, jista' l-Ministru jekk dawn ir-rapporti ġewx ippubblikati fuq il-website tal-pulizija Maltija? Jekk iva, f'liema sena ġew ippubblikati?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3966.

Seduta 79
23/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 2 - MIŻURI TA' QAULITY CONTROL**

**5220. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 2) kien li ser jimplimenta miżuri ta' "Quality Control" madwar il-Korp tal-Pulizija, jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-proċeduri u miżuri ta' Quality Control ġewx implimentati fis-sezzjonijiet kollha tal-Korp? Jekk iva, kif qed jiġu implimentati?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3967.

Seduta 79
23/01/2023

**GĦAWDEX – TRIQ ĠDIDA FI TRIQ L-EWROPA - MANUTENZJONI**

**5265. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan sabiex New Street ġewwa Triq l-Ewropa titranġa?

16/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li x-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq din it-Triq huwa parti mill-Proġett ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn. Bħalissa il-proċess huwa wieqaf peress li hemm appell quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar.

Seduta 79
23/01/2023

**TAĦRIĠ U EDUKAZZJONI DWAR IL-FIBROMYALGIA U L-ME**

**5266. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari numru 4902 u ċjoè: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4732, li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilu, u ċjoè: Ibbażat fuq l-Art. 26 tal-UNCRPD, jista' l-Ministru jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jiżgura li l-professjonisti tas-saħħa tagħna, ir-rewmatisti u n-newroloġisti qed ikomplu t-taħriġ u l-edukazzjoni tagħhom dwar il-Fibromyalgia u l-ME? Kemm qed jinvesti l-istat f'taħriġ kontinwu lill-professjonisti kollha fuq mard debilitanti bħal dan, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fil-komunità?

16/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 79
23/01/2023

**SKEJJEL TAL-KNISJA – LABORATORY TECHNICIANS - PROMOZZJONIJIET**

**5267. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4840 u 4901 u jgħid jekk hux qegħdin isiru diskussjonijiet biex il-Laboratory Technicians fl-Iskejjel tal-Knisja jingħataw il-promozzjonijiet ta' ATO, TO, STO u PTO bħall-Iskejjel tal-Gvern? Jekk iva, fiex waslu dawn id-diskussjonijiet?

16/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet neċessarji għadhom għaddejin

Seduta 79
23/01/2023

**GĦAWDEX – GĦOTI TA' FONDI GĦAL DIVERSI PROGRAMMI**

**5268. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4382 u jgħid kemm hu l-persentaġġ ta' fondi miksubin minn Għawdex taħt dawn il-programmi:

- Programm ta' Koeżjoni;
- ERDF;
- ESF;
- Agrikoltura; u
- Sajd?
Jista' jelenka dawn il-proġetti taħt il-programm rispettiv?

16/01/2023
**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni li qed tiġi mitluba tinsab fit-tabella, hawn taħt.

| Għawdex- Għoti tà Fondi għal Diversi Programmi | | |
|---|---|---|
| **Isem tal-Fond** | **Fondi Kommessi/ Imħallsa** | **Persentaġġ tà Fondi miksuba minn Għawdex** |
| Cohesion Fund | €23,140,063.58 | 9.60% |
| ERDF | €46,836,291.73 | 7.09% |
| ESF( excluding the Wage Subsidy Scheme) | €18,257,071.07 | 11.49% |
| EAFRD | €35,667,957.0 | 18.19% |
| EMFAF | €4,948,269.85 | 21.87% |

Seduta 79
23/01/2023

**GĦOTI TA' FONDI GĦAL DIVERSI PROGRAMMI**

**5269. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4381 u jgħid kemm hu l-persentaġġ ta' fondi miksuba minn Għawdex taħt dawn il-programmi:

- Programm ta' Koeżjoni;
- ERDF;
- ESF;
- Agrikultura; u
- Sajd?

Jista' jelenka dawn il-proġetti taħt il-programm rispettiv?

16/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi Għawdex huwa ntitolat għal 10% tal-allokazzjoni tal-fondi tal-*Cohesion Fund (CF)*, il-*European Regional Development Fund (ERDF)* u l-*European Social Fund + (ESF+)* tal-programm il-ġdid 2021-2027. Il-Ministeru għal Għawdex jista' japplika taħt is-sejħiet, bi proposti għal proġetti taħt il-programmi msemmija (*CF, ERDF, ESF+, EAFRD, EMFAF*), hekk kif l-Awtorita' ta' Ġestjoni toħroġ is-sejħiet rispettivi

Seduta 79
23/01/2023

**ANZJANI GĦAWDXIN – SERVIZZ TA' HELPER FID-DAR**

**5270. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3813, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi u jekk iva, x'tip ta' żviluppi kien hemm f'dan ir-rigward?

16/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li minn Novembru sal-lum bdew jagħtu s-servizz erba assistenti soċjali ġodda, li qed jaħdmu perezz ta' tender, u li qed jaqdu 41 dar. Min-naħa l-oħra, irritornaw lura għax-xogħol - wara l-leave tal-maternita' - żewġ assistenti soċjali li bejniethom qed jaqdu 29 dar. Il-kuntrattur offra li min irid jista jaħdem *overtime* u d-differenza tħallasha l-kumpanija. B'dan il-mekkaniżmu tal-*overtime* qed jinqdew 12-il dar.

Seduta 79
23/01/2023

**MEDIĊINA GALVUS**

**5273. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk sad-data li qed tiġi imwieġba din il-mistoqsija, il-mediċina Galvus hijiex out of stock? Jekk iva, jista' jgħid meta se terġa' tkun in stock? Jista' jgħid jekk bħalissa hemmx alternattiva għall-pazjenti?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-mediċina li hi klinikament ekwilvalenti għal *Galvus – Sitagliptin* hija in stock.

Seduta 79
23/01/2023

**TRANSPORT MALTA – RABAT - IMMANIĠĠAR TAT-TRAFFIKU**

**5274. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tittieħed azzjoni u jkun hemm uffiċjali ta' Transport Malta fil-ħinijiet l-aktar li jkun hemm staġnar tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, u ċjoè bejn is-6.00 a.m. u t-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. u t-15.30 p.m.?

16/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorita' tat-Trasport qegħda f'kuntatt mal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jitfassal pjan ta' azzjoni li permezz tiegħu jonqos il-periklu fi Triq Gorg Borg Olivier, ir-Rabat.

Seduta 79
23/01/2023

**RABAT - PROĠETT TAS-SAQQAJJA**

**5275. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux lest il-proġett tat-taraġ u l-madwar fis-Saqqajja (telgħa tas-Saqqajja)? Jista' jgħid ukoll għaliex sar pavimentar, inqala', reġa' tweħħel ieħor, reġa' nqala' u issa sar tal-konkos minflok dak il-pavimentar li kien qed isir? Jista' jagħti tabella tal-infiq kollu li sar f'dan il-proġett item, item?

16/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-pavimentar ta' parti mill-bankina ġie mibdul għall-konkos minħabba l-fatt li tkisser mill-vetturi kbar li jieqfu fuqu b'mod illegali, fosthom trakkijiet tal-iskart u vannijiet tad-delivery. Fl-aħħar intervent li sar twaħħlu bollards biex kemm jista jkun jitnaqqas ir-riskju ta' parkeġġ fuq l-bankina pavimentata. Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra r-rendikont tal infiq.

Seduta 79
23/01/2023

**SPTAR MATER DEI – SEZZJONI SAFRA – LIFT LI MHUX JIFFUNZJONA**

**5276. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex wieħed mil-lifts li jaqdi l-użu tas-swali fis-Sezzjoni Safra tal-Isptar Mater Dei ilu minn Ġunju ma jiffunzjona?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illiil-*lift* li semma huwa qdim u qed jinbidel kompletament. Sabiex il-mutur il-ġdid ikun jista jitpoġġa b'sikurta', ser isir xogħol strutturali fil-parti tal-binja fejn hemm il-*lift*.

Seduta 79
23/01/2023

**TESTIJIET TAL-OFTALMOLOĠIJA**

**5277. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fejn preżentement qed isiru t-testijiet tal-oftalmoloġija (f'liema sptar, bereġ jew ċentri tas-saħħa) lill-pazjenti u x'inhuma s-servizzi offruti?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi s-servizzi tal-Oftalmologija isiru kif gej:

**<u>Mater Dei Hospital</u>**
Żjarat tal-Out Patients, topografija bil-*laser*, injezzjonijiet Avastin, OCT, IVFAs, u *Ultra sound,* kif ukoll servizz tal-katarretti, servizz *Vitro Retinal*, kirurġija tal- *Glaucoma*, kirurġija tal-*Corneal* u *crosslinking* tal- *Corneal.*

Fil-waqt illi fil-qasam tal-**<u>Kura Primarja</u>** isiru:
*Eye Screening Service*
*Glaucoma Screening Service*
*Diabetic Retinopathy Screening*
*Glaucoma Clinic*

Seduta 79
23/01/2023

**PROĊESS LI TIBDA SSIR IL-KREMAZZJONI**

**5278. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proċess biex tibda ssir il-kremazzjoni tal-iġsma mejtin f'Malta?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi preżentement qed isiru tħejjijiet minn-naħa tal-Awtorita tal-Ippjanar biex jinħarġu linji gwida għal bini ta krematorju f'Malta.

Seduta 79
23/01/2023

**ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – UNIFORMIJIET**

**5279. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jingħataw l-uniformijiet lill-Allied Health Professionals wara li ilhom jistennew għal xhur u snin?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi wara li ħadd mill-*bidders* għall-aħħar *tender* ma laħaq ir-rekwiżiti mitluba, d-dipartiment tas-Saħħa bħalissa qed jirrevedi l-ispeċifikazzjonijiet sabiex jinħareg *tender* ġdid fis-suq miftuħ.

Seduta 79
23/01/2023

**TRANSPORT MALTA – ĦRUĠ TA' LIĊENZJI TAS-SEWQAN LIL PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA**

**5315. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu liċenzji tas-sewqan lil persuni ta' nazzjonalità barranija matul dawn l-aħħar ħames snin?

16/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li n-numru totali ta' liċenzji tas-sewqan maħruġa lil ċittadini barranin fl-aħħar ħames snin, bejn l-2018 sad-data tal-lum kien dak ta' 24,891, li minnhom:

§ 8,152 ġew skambjati minn liċenzji maħruġa minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, jew li Malta għanda ftehim magħhom għall-iskambju tal-liċenzji, u
§ 16,739 kienu applikazzjonijiet għall-ewwel liċenzja Maltija bit-test tal-prattika.

Nixtieq nirrimarka li jista' jkun hemm xi diskrepanzi żgħar minn ċifri preċedenti pprovduti - dan minħabba li l-istatus tad-detenturi tal-liċenzja tas-sewwieq huwa dinamiku, u ikun hemm sejbien ta' bidliet riċenti fir-rappurtar bħall:

§ bidla fin-nazzjonalità
§ liċenzji li ġew skambjati ma ta' pajjiż ieħor
§ bidla tal-karta tal-identità għall-Maltija
§ liċenzji tas-sewqan li ġew revokati, sospiżi jew skwalifikati
§ persuni li m'għadhomx isuqu u/jew deċeduti

Liċenzji bħal dawn fuq imsemmija ma jitilghux u ma jidhrux fl-ebda rapporti sussegwenti u kontemporanji.

Seduta 79
23/01/2023

**KUNSILLI LOKALI – FTEHIM KOLLETTIV ĠDID LILL-ĦADDIEMA KLERIKALI**

**5316. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jsir ftehim kollettiv ġdid lill-ħaddiema klerikali impjegati mal-Kunsilli Lokali, wara li l-ftehim kollettiv preżenti ilu skadut mill-2016?

16/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari bin-numru 5110.

Seduta 79
23/01/2023

**SERVIZZ ĊIVILI - ĦADDIEMA**

**5320. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5098 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3778, jista' l-Prim Ministru jaqsam l-imsemmija ammonti f'numri reali rispettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku u dak privat u jgħid kemm minnhom, f'termini reali, huma ħaddiema ta' nazzjonalita Maltija u kemm le?

16/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li fis-servizz pubbliku hemm 784 impjegat li ma humiex ta' nazzjonalità Maltija.

Seduta 79
23/01/2023

**RENUMBERING TAD-DJAR**

**5321. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqija parlamentari 5102, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid meta se jitkompla r-renumbering tad-djar kollha f'Santa Venera li beda fl-2001? Jista' jgħid minn dak iż-żmien 'l hawn liema toroq tlestew, liema toroq baqa' jsiru u x'inhi r-raġuni ta' dan id-dewmien kollu?

16/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li mill-1988 sal-lum ġew innumerati **54** triq minn **83** triq li jiffurmaw parti minn Santa Venera. **6** toroq oħra (Triq Adelaide Cini, Triq il-Batterija, Triq Brighella, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq il-Kbira San Ġużepp u Triq San Ġorġ) ġew innumerati meta kienu għadhom jiffurmaw parti minn lokalitajiet oħra (Il-Ħamrun u Ħal Qormi) qabel ma ġew deċiżi l-konfini tal-lokalitajiet fl-1993. Ma' dawn possibilment iridu jiżdiedu toroq oħra fostom Triq il-Lunzjata u Triq Ġużè Pace. Hemm **7** toroq li huma ffurmati minn binjiet tal-Gvern (Triq Dun Xand Cortis, Triq l-Għolja, Triq il-Palazz l-Aħmar, Triq Patri Franġisk Grech, Triq Patri Ġustin Sant, Triq Patri Ġwann Azzopardi u Triq Pietru Dacoutros) li qatt ma ġew innumerati minħabba l-fatt li l-linji gwida preċedenti ma kinux jippermetu li binjiet tal-Gvern jingħataw numru uffiċjali u li huma distinti minn binjiet oħra. Hemm ammont ieħor ta' toroq li ġew innumerati fil-passat iżda l-eżerċizzju qatt ma ġie ppubblikat uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-kumplament tat-toroq, li huwa verament minimu, għad għandhom xi problemi biex jingħataw numru uffiċjali fil-preżent peress li għandhom parti kbira minnhom li huma siti bla bini fosthom Triq l-Istitut Bonnici, Triq Ħal Kaprat u Triq il-Madonna tal-Karmnu. Il-ħsieb li ma jingħatawx numru għalissa huwa biex ma jingħatawx inkonvenjent żejjed lir-residenti f'każ li fil-futur qarib dawn is-siti jinbnew.

Toroq li possibilment jistgħu jiġu nnumerati huma Triq il-Franka (residenza waħda fir-Reġistru Elettorali), Triq il-Ħaddied (residenza waħda fir-Reġistru Elettorali), Triq il-Ħajjata (blokka waħda fir-Reġistru Elettorali) u Triq il-Markiż John Scicluna. L-Address Management Unit fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali se tkun qed tieħu ħsieb tagħmel l-ispezzjonijiet meħtieġa biex il-propjetajiet f'dawn l-erba' toroq jingħataw numru uffiċjali.

Kif jista' jara l-Onor Interpellant ix-xogħol tat-tismija tat-toroq u numerar tal-bibien huwa xogħol kontinwu u l-Address Management Unit regolarment ikun qed isegwi dan il-proċess fid-diversi toroq fil-gżejjer Maltin minn żmien għal żmien.

Seduta 79
23/01/2023

**MELLIEĦA – TRIQ L-ERWIEĦ - ĊIMITERJU SULTANA TAL-VITTORJI – TNEĦĦIJA TA' LAPIDI**

**5322. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid ta' min kienet id-deċiżjoni li jinqalgħu l-lapidi minn mal-ħajt taċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji fi Triq l-Erwieħ, il-Mellieħa u ntremew fl-art fejn uħud minnhom saħansitra tkissru? Jista' jgħid min se jerfa' r-responsabilità ta' dan l-aġir, nieqes minn kull sens ta' rispett u serjetà, f'post daqstant għażiż għal ħafna familji?

17/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għal mistoqsija supplimentari, għal mistoqsija Parlamentari numru 4207, li għamel hu stess.

Seduta 79
23/01/2023

**MELLIEĦA – TRIQ IL-MARFA – ĊIMITERJU OMM IL-ĦNIENA - XOGĦLIJIET**

**5323. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta mistenni jibda u jitlesta x-xogħol ta' estensjoni fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena fi Triq il-Marfa, il-Mellieħa, liema xogħol ilu mibdi għal numru ta' snin bla qatt ma ġie konkluż?

17/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għal mistoqsija supplimentari, għal mistoqsija Parlamentari numru 4207, li għamel hu stess.

Seduta 79
23/01/2023

**MELLIEĦA – TRIQ IL-MARFA – ĊIMITERJU OMM IL-ĦNIENA - KANĊELL**

**5324. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi r-raġuni li ċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena fi Triq il-Marfa, il-Mellieħa ilu xhur bla kanċell? Jista' jgħid meta se jitwaħħal il-kanċell u min ser jerfa' r-responsabilità jekk isiru atti vandali jew atti oħrajn f'dan iċ-ċimiterju, fejn hemm midfunin mijiet ta' persuni għeżież għal ħafna familji?

17/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant illi matul ix-xitwa li għaddiet, il-kanċell taċ-ċimiterju Omm il-Ħniena kienet saritlu ħsara irreparabbli bil-maltemp. Temporanjament saret grada li tagħlaq iċ-ċimiterju, sakemm issir kostruzzjoni ta' kanċell ġdid.

Seduta 79
23/01/2023

**FTEHIM MA' MANCHESTER UNITED TRAMITE VISITMALTA - KUNTRATT**

**5325. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li sar ma' Manchester United, tramite VisitMalta?

17/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2779 u 3171.

Seduta 79
23/01/2023

**MARSA – TRIQ IT-TIĠRIJA – AĊĊESS**

**5344. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma li t-traffic lights ta' Triq it-Tiġrija, il-Marsa (35°52'49.3"N 14°29'28.2"E) huma aċċessibbli biss għal numru żgħir ta' nies li għandhom aċċess għal ċavetta? Jekk iva, jista' jispjega r-raġuni għal dan? Jista' jgħid min huma n-nies li għandhom aċċess? Jista' jispjega wkoll għalfejn ir-residenti li jgħixu fl-akkwati m'għandhomx?

17/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra

Seduta 79
23/01/2023

**BELT VALLETTA - SKEDA TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

**5346. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5107, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għalfejn skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart passati, fil-Belt Valletta kien isir ġbir fil-ħinijiet tas-7 a.m., tas-1 p.m. jew tat-3 p.m., skont it-tip ta' ġbir, iżda skont l-iskeda l-ġdida li bdiet mit-2 ta' Jannar 2023, dan il-ġbir se jibda jsir kollu fis-2.30 p.m.? Ma' min saru konsultazzjonijiet għal tali tibdil u x'inhi r-raġuni?

17/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li l-iskeda dwar il-ġranet tal-ġbir tal-iskart hi waħda uniformi għal Malta u Għawdex, u dan skond il-*Works Management Plan* nazzjonali, il-ħinijiet tal-ġbir f'kull lokalita` saret wara diskussjonijiet bejn il-Kunsill Reġjonali u l-Kunsilli Lokali rispettivi fi ħdanu.

Seduta 79
23/01/2023

**TRASPORT MALTA – REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI**

**5347. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5108 u jgħid kemm-il vettura rreġistrata hawn fit-toroq Maltin preżentement, u fl-istess waqt f'numri reali jgħid kemm hemm minnhom li huma proprjetà tal-Gvern ta' Malta?

17/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-ammont ta' vetturi licenzjati fit-toroq Maltin huwa ta' 425,000 li minnhom hemm 2,024 proprjetà ta' Dipartimenti tal-Gvern ta' Malta.

Seduta 79
23/01/2023

**BORD TAL-INĠINERIJA - APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAL WARRANT**

**5348. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5198 u jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għall-warrant ta' Inġiniera li qed jistennew biex jidhru quddiem il-Bord tal-Inġinerija?

17/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Bord tal-Inġiniera għandu 97 applikazzjoni, liema minnom sitt applikanti dehru quddiem il-Bord u għandom jerġgħu jidhru mill-ġdid

Seduta 79
23/01/2023

**FGURA – TRIQ L-GĦOLLIEQ U TRIQ ĦAŻ-ŻABBAR – KAŻ TA' AZZJONI TA' INFURZAR**

**5350. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Fid-dawl li l-azzjoni ta' infurzar li rreferejt għaliha fil-mistoqsija parlamentari 5199 ma titrattax dwar il-ħitan "temporanji", imma dwar il-fatt li fil-pjanti marbutin mal-permess li nħareġ, l-iżvilupp ħareġ 'il barra mil-linji tal-"istreet alignment" li kien hemm annessi mal-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jispjega kif il-permess ġie approvat bi żvilupp 'il barra mill-"istreet alignment"? Jista' jgħid ukoll s'issa x'azzjoni ttieħdet marbuta mal-claim għal infurzar li d-dettalji dwarha kienu ngħataw separatament mal-mistoqsija parlamentari 5199? Jista' jagħti garanzija li l-Gvern u l-Awtorità se jaraw li ma jsirx abbuż mill-iżviluppatur u l-aċċess minn Triq l-Għollieq għal Triq Ħaż-Żabbar se jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku kif dejjem kien u kif juri l-"istreet alignment"?

18/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qiegħed jinġabar.

Seduta 79
23/01/2023

**ANNIMALI ADDOTTATI LI ĠEW IKKONFISKATI**

**5363. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1623 u 1966 u jgħid kemm ġew ikkonfiskati annimali minn Mejju, 2021 u li ġew addottati qabel bdew il-proċeduri fil-qrati?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 79
23/01/2023

**DIPARTIMENT TAS-SAJD U L-AKWAKULTURA – ĦADDIEMA**

**5364. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2542 u jagħti l-persentaġġ tal-ħaddiema fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura li ilhom jaħdmu f'dawn l-aħħar ħames snin f'dan id-Dipartiment? X'qed isir biex l-għarfien u l-esperjenza li tinkiseb mill-istess ħaddiema tibqa' miżmuma fid-Dipartiment, bil-għan li nibżgħu għar-riżorsi marittimi (ħut) li Malta mdawra bih?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li hemm 40% tal-ħaddiema kurrenti fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li ilhom jaħdmu f'dawn l-aħħar ħames snin jew aktar. Immexxija b' SOP'S aggornati u imtejba, għarfien u l-esperjenza li jikbsu l-ħaddiema tibqa' miżmuma billi jinżamm ambjent ta' xogħol san u interresanti kemm jista' jkun. Madankollu ninsab persważ li l-Onor. Interpellant jifhem li hawn ħafna opportunitajiet ta' xogħol u għaldaqstant wieħed ma jistax jinnega l-opportunita' lil uffiċjala li jagħżlu li jibdew impjieg ieħor. F'dawn il-każijiet, il-ħaddiema huma suġġetti għal perjodu ta' avviż ta' terminazzjoni ta' impjieg kif stipulat fil-PSMC, fejn tkun tista' ssir il-*handover*.

Seduta 79
23/01/2023

**RABAT, MALTA – TAĊ-ĊGĦAKI – SKOLA PRIMARJA "B"**

**5365. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4786 u jgħid meta se jkun lest ix-xogħol fl-Iskola Primarja 'B' f' Taċ-Ċgħaki, ir-Rabat, Malta?

18/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 79
23/01/2023

**DIRETTORAT TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – MULTI AMMINISTRATTIVI**

**5366. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1552 u 1959 u jgħid kemm ħareġ multi amministrattivi d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali minn Ottubru 2021 sal-lum?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 79
23/01/2023

**PULIZIJA – TFAL U ŻGĦAŻAGĦ LI ĠEW DEPORTATI MINN MALTA**

**5377. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' tfal u żgħażagħ sa 18-il sena li ġew deportati minn Malta matul l-aħħar 12-il xahar? X kienet ir-raġuni għal din id-deportazzjoni u, f'kull każ, lejn liema pajjiż ġew deportati?

18/01/2023
**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-awtoritajiet ma jirritornawx minuri sakemm dawn ma jkollhomx is-salvagwardji u l-protezzjoni meħtieġa fil-pajjiż tal-oriġinu. Infurmat li ma kien hemm l-ebda deportazzjoni ta' minuri fl-2022. Kien hemm każ wieħed ta' ripatrijazzjoni ta' żewġt itfal fejn missierhom, li kien qed joqgħod Malta mingħajr permess, talab l-għajnuna tal-awtoritajiet sabiex jirritornaw volontarjament lura s-Serbja flimkien.

Seduta 79
23/01/2023

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – ĠBIR TA' SKART MILL-ĦADDIEMA TAD-DIVIŻJONI TAT-TINDIF U MANUTENZJONI**

**5378. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5186, billi l-ħaddiema tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ilhom żmien, f'ċertu lokalitajiet, iduru t-toroq u jiġbru dak l-iskart li ma jkunx inġabar, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk dak il-ġbir issa hux se jieqaf minħabba l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart?

18/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li s-servizz ta' ġbir ta' skart addizzjonali li qed toffri d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni huwa temporanju sakemm tindara l-bidla fl-iskeda l-ġdida ta' ġbir ta' skart.

Seduta 79
23/01/2023

**NAXXAR – BREAKWATER IN-NAĦA TAS-SALINA - MANUTENZJONI**

**5379. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex il-breakwater (mibni b'ġebel kbir) li hemm fit-tarf tal-kanal li jdawwar is-salini tal-melħ, in-naħa tas-Salina, Naxxar, jiġi rranġat qabel ma jitfarrak għalkollox?

18/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 5379 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 79
23/01/2023

**PITKALIJA - SPEZZJONIJIET FUQ PRODOTTI AGRIKOLI**

**5380. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'tip ta' spezzjonijiet isiru fuq il-prodotti li jiddaħħlu l-Pitkalija biex jiġi assigurat li l-prodott agrikolu li jiddaħħal fil-Pitkalija jkun imkabbar fl-għelieqi f'Malta u Għawdex u mhux f'xi pajjiż ieħor?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li wara li twaqqfet l-Unita' tas-Sorveljanza f'Ġunju tal-2022, il-prodotti agrikoli li jiddaħħlu għall-bejgħ fil-Pitkalija huma soġġetti għall-spezzjonijiet mill-uffiċjala ta' l-istess Unita'. Kontinwament isiru spezzjonijiet ta' rutina fil-Pitkalija u kif ukoll fl-għelieqi f'Malta u f'Għawdex fejn jitkabbru l-prodotti agrikoli. Grazzi għall-aċċess għall-informazzjoni, l-uffiċjala għandhom il-faċilita' meħtieġa li jqabblu l-kwantita' u t-tip ta' prodott. Matul dawn l-aħħar sitt xhur li ilha imwaqqfa din l-Unita', saru 'il fuq minn mitejn spezzjoni fil-Pitkalija u għand il-bdiewa. Dan l-ewwel perjodu mit-twaqqif tal-Unita' tas-Sorveljanza huwa importanti biex jitkompla t-taħriġ tal-uffiċjala u titkabbar l-esperjenza fin-natura partikolari tax-xogħol.

Seduta 79
23/01/2023

**PITKALIJA – BEJGĦ TA' PRODOTTI AGRIKOLI MHUX IMKABBRA F'MALTA – KAŻIJIET**

**5381. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm każi fejn ittieħdu passi kontra persuni li ppruvaw ibiegħu fil-pitkalija prodotti agrikoli mhux imkabbra f'Malta? Jekk kien hemm każi simili, x'passi ttieħdu fil-konfront tal-persuni involuti?

18/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li kien hemm numru ta' każijiet li ġew segwiti iktar mill-qrib u tkompliet iktar investigazzjoni, għalkemm sa llum ma kien hemm l-ebda każ ikkonfermat. Ta' min wieħed jgħid li permezz tal-ħidma viġilanti tagħha, l- Unita' tas-Sorveljanza qed twassal messaġġ ċar li l-kontrolli u l-verifiki qed isiru kontinwament. Fejn ikun meħtieġ lil-*Malta Food Agency* ser tkun qed timplimenta l-miżuri maħruġa mill-liġijiet rispettivi u l-proċeduri interni stabbiliti.

Seduta 79
23/01/2023

**RAĦAL ĠDID – ĠNIEN LORRY SANT – XOGĦLIJIET**

**5406. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Ġnien Lorry Sant f'Raħal Ġdid?

19/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Raħal Ġdid, ix-xogħlijiet fi Ġnien Lorry Sant jinsab fi stadju avvanzat ferm tant li bħalissa qed jasal fi tmiemu ix-xogħol fuq il-ġebla Maltija li biha huwa imdawwar il-ġnien, kif ukoll waslu minn barra mat-80% tal-pjanti u siġar ġodda li ser jitħawwlu.

Barra minn hekk, infurmat li ġew ppreparati il-*planters* kollha sabiex ikun jista jibda t-tħawwil fil-ġimgħat li ġejjin.

Infurmat wkoll li sar xogħol ta' preparamenti relatati mas-sistema tad-*drip irrigation* u għad-dwal.

Finalment, infurmat li meta dan kollu jitlesta, jkun għad fadal biss il-pavimentar xi jsir u b'hekk jaslu fi tmiemhom ix-xogħlijiet.

Seduta 79
23/01/2023

**IL-BELT VALLETTTA – TRIQ SAN ĠWANN U STRADA STRETTA – TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA TAT-TRIQ**

**5407. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fiċ-ċangatura fi Triq San Ġwann il-Belt Valletta, kantuniera ma' Strada Stretta, tiġi msewwija billi hija ta' inkonvenjent u perikolu kbir għal min ikun qiegħed jagħmel użu minnha?

19/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 79
23/01/2023

**RAĦAL ĠDID – PERSUNI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**5408. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-għajnuna soċjali tul is-sena li għaddiet li huma residenti Raħal Ġdid u jistax jindika wkoll kemm kien hemm nisa u kemm rġiel?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Għajnuna Soċjali f'Diċembru 2022, u li kienu residenti Raħal Ġdid, kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| **Raħal Ġdid** | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
|---|---|---|---|
| SA/SUP/UA | 39 | 138 | 177 |
| SUA | 65 | 13 | 78 |
| **Total** | **104** | **151** | **255** |

*SA – Għajnuna Soċjali*
*SUP - Għajnuna Soċjali lill-ommijiet xebbiet*
*UA - Għajnuna Soċjali tal-Qgħad*
*SUA - Għajnuna lil barranin li jgawdu minn Protezzjoni Sussidjarja u mhumiex f'impjieg.*

Seduta 79
23/01/2023

**APPELLI PENDENTI QUDDIEM L-ARBITRU GĦAS-SIGURTÀ SOĊJALI**

**5409. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm appelli pendenti quddiem l-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali fl-aħħar tas-sena 2022 u jista' jgħid ukoll kemm appelli ġew deċiżi jew irtirati tul l-istess sena?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-informazzjoni mitluba minnhu hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| **Appelli** | **Diċembru 2022** |
|---|---|
| Appelli pendenti sa Diċembru 2022 | 753* |
| Appelli deċiżi sa Diċembru 2022 | 341 |
| Appelli li ġew irtirati mill-appellant/i sa Diċembru 2022 | 278 |
| Appelli li ġew revokati mid-Dipartiment sa Diċembru 2022 | 202 |

*minnhom 306 huma appelli li diġa bdew jinstemgħu

Seduta 79
23/01/2023

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN U STRADA STRETTA – TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA TAT-TRIQ**

**5410. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fiċ-ċangatura fi Triq San Ġwann il-Belt Valletta, kantuniera ma' Strada Stretta, tiġi msewwija billi hija ta' inkonvenjent u perikolu kbir għal min jkun qiegħed jagħmel użu minnha?

19/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li minhabba li ċ-ċangaturi msemmija sfrondaw wara li kien sar xogħol mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill għamel pressjoni mal-entita kkoncernata biex isiru x-xogħlijiet ta' tiswija.

Infurmat ukoll li din it-triq hi indikata bħala triq ta' prjorita' biex tissewwa.

Seduta 79
23/01/2023